# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Ħamsa (5) ta' April 2024**

**Rikors Numru 637/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Charles Paul Muscat**
**(ID 4583G)**

**Vs**
**Avukat tal-Istat**
**u**
**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 27 ta' Settembru 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

   1. *Illi l-esponent tressaq nhar id-29 ta' Jannar 2011 akkużat b'assoċjazzjoni kontra d-dispożizzjoni tal-Kap. 101.*

   2. *Illi l-akkuża hija msejsa unikament fuq l-istqarrija ta' żewġ xhieda u ċioe` ta' Marlon Apap u Godfrey Bartolo.*

   3. *Illi dawn iż-żewġ xhieda għandhom proċeduri pendenti fil-konfront tagħhom b'mod illi effettivament huma xhieda ammissibbli fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 658 tal-Kap. 9 iżda f'dan il-każ japplika għalihom dak dispost ukoll fl-Artikolu 661 tal-Kap. 9.*

4. *Illi meta dawn iż-żewġ persuni ġew imħarrka sabiex jixhdu fil-kumpilazzjoni huma għażlu li jeżerċitaw id-dritt lilhom mogħti fl-Artikolu 643 tal-Kap.9 u fl-Artikolu 5 tal-Kap.319.*

5. *Illi sitt (6) snin ilu u propju nhar l-10 ta' Settembru 2015 l-akkużat intavola rikors fejn talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja sabiex tagħti dawk id-direttivi u provvedimenti li jidhirlha xierqa u opportuni sabiex is-sitwazzjoni tad-dewmien ta' żmien irraġjonevoli minn naħa tal-prosekuzzjoni tiġi rimedjata u indirizzata.*

6. *Illi fit-tweġiba tiegħu datata s-16 ta' Settembru 2015, l-Avukat Ġenerali saħaq illi żgur li mhuwiex tort tiegħu li l-kawżi pendenti taż-żewġ xhieda l-oħrajn kienu għadhom pendenti.*

7. *Illi fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2015, il-Qorti semgħet lill-partijiet filwaqt illi ħeġġet lill-prosekuzzjoni sabiex il-proċess jgħaddi għall-pass li jmiss fi żmien raġjonevoli.*

8. *Illi l-Att tal-Akkuża 17/2015 fil-konfront tal-esponent inħareġ nhar it-13 ta' Novembru 2015 u d-difiża intavolat nota ta' eċċezzjonijiet nhar l-1 ta' Diċembru 2016, liema eċċezzjonijiet ġew miċħuda nhar is-6 ta' Lulju 2016 permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali.*

9. *Illi nhar it-8 ta' Lulju 2016 l-esponent intavola appell, liema appell ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Ottubru 2016.*

10. *Illi nhar is-7 ta' Marzu 2017, l-Avukat Ġenerali intavola rikors fejn talab lill-Qorti Kriminali tawtorizza li l-ġuri fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat' jiġi differit għal data iktar 'il-quddiem u dan sabiex il-proċeduri kontra Brian Godfrey Bartolo u Marlon Apap jilħqu jiġu konklużi u b'hekk ikunu jistgħu jixhdu u dan meta il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja kienet diġa ilha sentejn li ħeġġet lill-prosekuzzjoni sabiex tassisti fil-proċeduri.*

11. *Illi bid-digriet tat-8 ta' Marzu 2017, il-Qorti Kriminali laqgħet it-talbiet tal-Avukat Ġenerali li ġew magħmula permezz ta' rikors li qatt ma ġie notifikat lill-esponent jew lill-avukati tiegħu u ddeċidiet li ġuri li kien oriġinarjament appuntat sena qabel bi qbil bejn il-partijiet għas-6 ta' Novembru 2017 jiġi differit sine die.*

12. *Illi sussegwentament l-esponent intavola rikors għar-revoka tad-digriet, liema rikors ġie miċħud nhar it-22 ta' Marzu 2017, b'dak illi l-Qorti Kriminali ddikjarat illi l-Avukat Ġenerali għandu jara li l-kawżi tal-persuni indikati bħala xhieda jitmexxew 'il-quddiem b'urġenza.*

13. *Illi sal-lum il-ġurnata u ċioe` erba' (4) snin u nofs minn din id-dikjarazzjoni u kważi ħdax (11)-il sena minn meta ġie mressaq akkużat, l-esponent għad għandu l-kawża tiegħu fi stat ta' sine die stante li l-Avukat Ġenerali għadu ma rnexxilux jikkonkludi l-proċeduri fil-konfront taż-żewġ xhieda li huwa qed jinsisti li jixhdu f'dawn il-proċeduri.*

*14. Illi għal ħdax (11)-il sena sħaħ u ma kull ġurnata li tgħaddi, l-esponent qiegħed isofri finanzjarjament, kisser il-familja u r-reputazzjoni, spiċċa f'solitudni akuta u saħansitra kkontempla li jtemm ħajtu.*

*15. Illi d-dritt tal-esponent għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli ilu snin jiġi miksur mill-Avukat Ġenerali li bħal donnu għadu bl-istess mentalita` li kellu fir-risposta tiegħu datata s-16 ta' Settembru 2015, meta saħaq illi żgur li mhuwiex tort tiegħu li l-kawżi pendenti taż-żewġ xhieda l-oħrajn kienu għadhom pendenti.*

*16. Illi ma hemmx għalfejn jingħad illi r-responsabbilita` m'hija ta' ħadd ħlief tal-Avukat Ġenerali minkejja li jibqa' jipprova jaħsel idejh minnha filwaqt li jilgħab bil-ħajja tan-nies.*

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikkjara illi t-trapass taż-żmien li l-intimati qegħdin jieħdu sabiex jagħlqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat', u ċioe` trapass ta' ħdax (11)-il sena, huwa wieħed li qiegħed imur kontra l-prinċipju ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli sanċit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*2. Tagħti dawk id-direttivi kollha sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent kif protett mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni inkluż l-għoti ta' danni materjali u dawk mhux pekunjarji kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-30 ta' Novembru 2021 l-**Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali** irrispondew għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li 't-trapass taż-żmien li l-intimati qegħdin jieħdu sabiex jagħlqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat', u ċioe' trapass ta' ħdax (11)-il sena, huwa wieħed li qiegħed imur kontra l-prinċipju ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli sanċit fl-Artikolu 6(1) tal- Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta'.*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi l-esponenti jeċċepixxu li huwa paċifiku li d-dritt għal smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proċeduri kollha kif ukoll illi l-fatturi li prinċiparjament għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri ta'*

*smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli huwa essenzjalment il-kumplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorita' ġudizzjarja;*

2. *Illi mill-iter proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat' u tal-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) Vs Charles Paul Muscat' jirriżulta li meta wieħed jikkunsidra l-kwadra tal-fatti kollu fit-totalita' tagħhom, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li ma kien hemm l-ebda dewmien irraġonevoli attribwibbli għall-Prosekuzzjoni jew l-Avukat Ġenerali u lanqas għall-awtorita' ġudizzjarja. Kif ser jiġi spjegat, il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent kellhom jistennew sabiex jiġu konklużi l-proċeduri fil-konfront ta' terzi u ċioe' ta' Brian Godfrey Bartolo u Marlon Apap (xhieda li rrilaxxaw stqarrijiet li ġew ġuramentati) u dan għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jirriżulta li sakemm il-proċeduri pendenti fil-konfront ta' Brian Godfrey Bartolo u Marlon Apap jiġu konklużi u deċiżi b'mod definittiv, huma ma jistgħux jiġu meqjusa bħala 'competent and compellable witness' fi proċeduri oħra u ċioe' ma jistgħux jiġu mġiegħla jagħtu d-depożizzjoni tagħhom billi għandhom dritt sanċit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenżjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwieġbu għall-ebda mistoqija li tista' b'xi mod tinkriminahom. Illi għalhekk il-Puliiżja jew l-Avukat Ġenerali ikunu fl-impossibilita legali li jesiġu li xhud jixhed fi proċeduri kriminali kontra terza persuna u din ir-raġuni legali tista' tiġi riżolta biss wara li l-każ kontra x-xhud, f'dan il-każ xhieda jiġu konklużi b'mod definittiv;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa d-dmir tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha li għandha u li tmexxi l-każ tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u għalhekk tali ġustizzja tista' sseħħ wara li l-proċeduri fil-konfront ta' Brian Godfrey Bartolo u Marlon Apap jiġu konklużi u dan sabiex dawn ix-xhieda jkunu jistgħu jixhdu fil-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent. Ċertament li l-Avukat Ġenerali ma jaħti xejn mill-fatt li l-proċeduri kontra dawn ix-xhieda għadhom ma humiex konklużi. Illi għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent li ż-żmien li qiegħed jittieħed biex jagħlqu l-provi tal-Prosekuzzjoni huwa wieħed li jmur kontra l-prinċipju ta'  smigħ xieraq fi żmien raġonevoli a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali hija infondata;*

5. *Illi sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja jeħtieġ li l-Avukat Ġenerali ikollu l-opportunita' sabiex iressaq lix-xhieda Brian Godfrey Bartolo u Marlon Apap jixhdu fil-ġuri fil-konfront tar-rikorrent. Dan ifisser li anke jekk dato ma non concesso li kien hemm dewmien, dan ma jistax jingħad li huwa irraġonevoli stante l-ħtieġa li l-proċeduri kriminali jiġu konklużi fil-konfront tal-imsemmija żewġ xhieda biex b'hekk ikunu jistgħu jixhdu fil-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex il-każ li fi kliem ir-rikorrent 'r-responsabbilta' m'hija ħadd ħlief tal-Avukat Ġenerali minkejja li jibqa' jipprova jaħsel idejh minnha filwaqt li jilgħab bil-ħajja tan-nies.' Il-fatt li dawn iż-żewġ persuni f'dan l-istadju ma jistgħux jixhdu hija raġuni valida u legali li abbażi tagħha l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent kellhom jiġu dikjarati bħala sine die u l-fatt illi l-kawżi tagħhom ghadhom ma humiex deċiżi mhuwiex fil-kompitu tal-Avukat Ġenerali;*

7. *Illi in oltre' u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ta' min ifakkar li mhux ir-rikorrent biss għandu drittijiet fundamentali x'jiġu mħarsa iżda anke l-akkużati l-oħra bħal ma hu d-dritt tagħhom li ma jinkriminawx ruħhom sakemm għad għandhom proċeduri pendenti fil-konfront tagħhom;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, hawn si tratta ta' akkuża ta' assoċjazzjoni ma' persuni oħra sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta (resina tal-cannabis), jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni u għalhekk jeħtieġ ukoll li jiġu mħarsa l-interessi tal-vittmi tar-reat u tas-soċjeta' in ġenerali u dan anke tenut kont tal-ħsara kbira li dawn ir-reati jagħmlu lis-soċjeta' u għalhekk jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali ikollu l-opportunita' li jressaq il-provi kollha;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Istat Malti irratifika l-Konvenzjoni tal-1988 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) kontra t-Traffiku Illeċitu tad-Drogi Narkotiċi u s-Sustanzi Psikotropiċi li tagħmel referenza għal gravita' ta' dawn ir-reati. Għalhekk l-Istat għandu obbligi internazzjonali fil-ġlieda kontra d-droga, u kif ukoll għandu jassumi duty of care sabiex, sa fejn huwa possibbli u sa fejn huwa prattikabbli, u sa fejn ir-riżorsi tiegħu jippermettu jippreveni (mhux biss jissoprimi) reati relatati mad-droga. Kif eċċepit, huwa fl-interess tas-soċjeta' in ġenerali li ssir ġustizzja;*

10. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent fir-rikors promotur jagħmel referenza għall-artikolu 5 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu huwa inapplikabbli għal każ odjern;*

11. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-irraġonevolezza taż-żmien ma għandux jiġi determinat fl-astratt jew minn numru ta' snin li tkun damet għaddejja proċedura ġudizzjarja jew kemm ikun għadda żmien biex ingħalqu l-provi imma dan għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun;*

12. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma jirriżultax li l-proċeduri kriminali li dwarhom qiegħed jilmenta ir-rikorrenti qegħdin jieħdu żmien mhux raġonevoli biex il-provi jingħalqu. Għalhekk ma hemmx leżjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-*

*Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

13. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso u biss għall-grazzja tal-argument li nkisru d-drittijiet ta' smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli tar-rikorrenti kif allegat fir-rikors promotur, allegazzjoni li l-esponenti jopponu, ma hemm l-ebda lok għal rimedju jew kumpens pekunjarju u/jew non-pekunjarju ieħor u dan stante li:*

    a. *L-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti standards u huwa s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-istandards li huwa r-rimedju ewlieni;*

    b. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, hija l-umli fehma tal-esponenti li għalkemm din l-Onorrabbli Qorti fil-vesti Kostituzzjonali tagħha tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, inkluż jekk jidhrilha xieraq u opportun kumpens monetarju, l-ebda danni materjali ma jistgħu jiġu likwidati minn din is-sede f'kawżi dwar allegat nuqqas ta' smigħ fi żmien raġonevoli;*

    c. *Illi f'kull każ u dejjem bla ħsara għall-premess, ma hemm l-ebda lok għall-għoti ta' kumpens, lanqas danni materjali u lanqas dawk mhux pekunarji fil-każ odjern.*

14. *Illi jsegwi għalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*

15. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

3. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2021 l-Qorti appuntat ir-Rikors Kostituzzjonali għas-smigħ għall-15 ta' Diċembru 2021.

4. Rat illi wara li, fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2021, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-atti tal-proċeduri Kriminali ma setgħux jiġu allegati peress illi l-proċeduri kienu għadhom pendenti.

5. Rat illi fid-9 ta' Marzu 2022, ġew ippreżentati permezz ta' nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, kopja tal-att tal-akkuża, tal-verbali kif ukoll tar-rinviji kollha illi hemm fil-proċess 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat' illi hemm pendenti quddiem il-Qorti Kriminali. (fol 17 sa 755)

6. Rat illi fil-15 ta' Marzu 2022, ġie ppreżentat l-affidavit tar-rikorrent, **Charles Paul Muscat**. (fol 757)

7. Rat illi permezz ta' Nota ppreżentata fit-22 ta' Settembru 2022, ir-rikorrenti indika l-paġni mid-dokumentazzjoni estensiva eżebita fuq talba tar-rikorrent mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali. (fol 770)

8. Rat l-affidavit ta' **Frances Muscat**, omm ir-rikorrent, ipprezentat fis-17 ta' Ottubru 2022 (fol 773) flimkien ma' dokumentazzjoni medika.

9. Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2022, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

10. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Charles Paul Muscat mogħtija fis-26 ta' Jannar 2023. (fol 778)

11. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fl-4 ta' Mejju 2023 fuq talba ta' l-intimati (fol 789 sa 844), inkluż:

    a. Sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Marlon Apap' deċiża fis-27 ta' Frar 2023. (fol 794)
    b. Sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Godfrey Bartolo' deċiża fl-1 ta' Frar 2021. (fol 802)
    c. Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Godfrey Bartolo' deċiża finalment fil-15 ta' Diċembru 2021, fejn filwaqt li ċaħdet l-appell ta' Brian Godfrey Bartolo, rreferiet il-lanzjana Kostituzzjonali tiegħu lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali). (fol 810)

12. Semghet ix-xhieda ta' **Charmaine Bugeja**, bħala Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili, mogħtija fid-9 ta' Mejju 2023 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentat. (fol 846)

13. Semgħet ix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Dennis Theuma mogħtija fid-9 ta' Mejju 2023. (fol 848)

14. Rat illi fid-9 ta' Mejju 2023, il-provi ġew dikjarati magħluqa w il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet rikorrenti.

15. Rat illi fl-10 ta' Lulju 2023, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

16. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2023, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet intimati bil-miktub.

17. Rat illi fil-15 ta' Novembru 2023, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Provi**

18. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, ir-rikorrent Charles Paul Muscat kien tressaq fid-29 ta' Jannar 2011 akkużat talli jmexxi u jittraffika fid-droga kannabis (resin).

19. Jirriżulta illi bħala prova li riedet tinġieb il-Prosekuzzjoni in sostenn tal-akkużi minnhom miġjuba, kien hemm ix-xhieda ta' Marlon Apap u Godfrey Bartolo, illi kienu wkoll akkużati ta' taffikar tad-droga kannabis (resin) kontemporanjament mar-rikorrent.

20. Jirriżulta illi, fi stadju ta' kumpilazzjoni, kemm Marlon Apap kif ukoll Godfrey Bartolo għażlu li ma jixhdux, kif kellhom kull dritt illi jagħmlu, stante illi kien hemm proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħhom w ix-xhieda tagħhom setgħet tinkriminahom b'xi mod.

21. Jirriżulta illi, fl-10 ta' Settembru 2015, l-akkużat intavola rikors sabiex il-Qorti tagħti l-provvedimenti opportuni in vista tal-fatt illi l-kumpilazzjoni fil-konfront tiegħu ma kinetx qiegħda titkompla sakemm jixhdu Marlon Apap u Godfrey Bartolo.

22. Jirriżulta illi, fid-29 ta' Settembru 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja ħeġġet lill-Prosekuzzjoni sabiex tgħaddi għall-pass li jmiss fi żmien raġjonevoli.

23. Jirriżulta illi, fis-16 ta' Novembru 2015, inħarġet l-Att ta' Akkuża Nru 17/2015 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat' fejn ir-rikorrenti ġie akkużat:

> *" ... talli f'dawn il-Gżejjer, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u/jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina droga oħra f'Malta (resina tal-cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;*
>
> *Jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf u ħames mitt Euro u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm ..."*

24. Jirriżulta illi r-rikorrent ressaq eċċezzjonijiet fl-1 ta' Diċembru 2015 li ġew miċħuda fis-6 ta' Lulju 2016, minn liema deċiżjoni huwa appella fit-8 ta' Lulju 2016 u tali appell ġie lilu miċħud fit-13 ta' Ottubru 2016.

25. Rat illi sussegwentement, il-ġuri tar-rikorrent ġie skedat, bi qbil bejn il-partijiet, għas-6 ta' Novembru 2017.

26. Jirriżulta, iżda, illi fis-7 ta' Marzu 2017, l-Avukat Ġenerali talab illi l-kawża tiġi differita għal data oħra sakemm jiġu deċiżi finalment il-proċeduri fil-konfront ta' Godfrey Bartolo u Marlon Apap, liema talba ġiet milqugħa fit-8 ta' Marzu 2017.

27. Rat illi r-rikorrenti sussegwentement appella minn tali deċiżjoni, liema deċiżjoni iżda ġiet ikkonfermata fit-22 ta' Marzu 2017.

28. Jirriżulta illi fis-27 ta' Frar 2023, il-proċeduri kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Marlon Apap**' ġew deċiżi mill-Qorti Kriminali, minn liema deċiżjoni ma kienx hemm appell, fejn l-istess Marlon Apap instab ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ġie kkundannat piena ta' priġunerija ta' sentejn u sitt xhur, kif ukoll multa ta' €2,500.

29. Jirriżulta illi fl-1 ta' Frar 2021, il-proċeduri kriminali fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Godfrey Bartolo**' fuq ammissjoni ta' Brian Godfrey Bartolo, ġew deċiżi mill-Qorti Kriminali, fejn l-istess Brian Godfrey Bartolo instab ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ġie kkundannat piena ta' priġunerija ta' ħames snin, kif ukoll multa ta' €12,000.

30. Jirriżulta illi Brian Godfrey Bartolo appella mill-piena lilu inflitta, liema appell ġie lilu miċħud b'sentenza preliminari tat-22 ta' Settembru 2021 u dik finali tal-15 ta' Diċembru 2021.

31. Jirriżulta illi mit-8 ta' Marzu 2017, il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat' Att ta' Akkuża 17/2015 baqgħu bla data u, sa llum, il-Qorti ma hijiex infurmata jekk il-proċeduri Kriminali ġewx skedati għas-smigħ.

32. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni odjerna, r-rikorrent qiegħed jillamenta illi t-trapass taż-żmien li l-intimati qegħdin jieħdu sabiex jagħlqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat', u ċioe' trapass ta' ħdax (11) -il sena, huwa wieħed li qiegħed imur kontra l-prinċipju ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli sanċit fl- Artikolu 6(1) tal- Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl- Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta'.

**Ikkunsidrat**

33. Jirriżulta illi l-Artikoli fuq imsemmija jipprovdu dan li ġej:

L-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni jgħid :-

*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jgħid :-

*Fid-determinazzjoni tad-drittijiet Ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta` xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f`soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ il-fehma tal-qorti f`ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista` tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

34. Dwar ġurisprudenza fuq tali artikoli, il-Qorti tqis illi jkun opportun ili tagħmel referenza għas-sentenza '***Francis Portelli et vs Avukat Ġenerali***, deċiża fil-Prim' Istanza mill-Prim' Awla fil-15 ta' Lulju 2019 u mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020 fejn fuq ilment simili, għalkemm mhux l-istess, kellha dan xi tgħid:

*Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Diċembru 2015 fil-kawża "**Zakkarija Calleja v. Avukat Ġenerali**" fejn ingħad hekk :–*

*"Fis-sentenza **David Marinelli vs Avukat Ġenerali** (3 ta` Lulju 2008), il-Qorti irriteniet illi :*

> *"B`mod ġenerali, biex jiġi determinat jekk is-smigħ f`xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġjonevoli kif miktub mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f`dawk il-proċeduri, u b`mod partikolari :*
>
> *1. in-natura u/jew komplessità tal-każ in kwistjoni,*
> *2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawża,*
> *3. il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess.*

*Fil-kawża **Francis Theuma vs Avukat Ġenerali** (27 ta` Ġunju 2003) intqal inoltre illi :*

> *"S`intendi, dawn il-kriterji jridu jiġi applikati għall-każ konkret u mhux fl-astratt, b`mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess li jkun qed jiġi allegat li jagħti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx, għalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli għal kull każ, li jekk jinqabeż ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli" …*

*F`dan l-isfond għalhekk wieħed irid iqis il-fatturi kollha u ċ-ċirkostanzi kompleti sabiex tkun tista` ssir evalwazzjoni tar-raġonevolezza o meno tad-dewmien lamentat."*

*L-awturi Van Dijk and Van Hoof jispjegaw illi :*

> *"When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case".*

*Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Said vs Avukat Ġenerali** (11 ta` Novembru 2011) irriteniet illi :*

> *"Għalhekk skont dawn il-prinċipji l-ebda fattur partikolari ma huwa waħdu konklussiv, imma l-Qorti trid teżamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tara jekk dawn ġewx magħluqa fi żmien raġjonevoli. Il-Qorti tista` ssib li fattur partikolari kien leżiv mentri fatturi oħrajn ma kinux".*

*Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Novembru 2017 fil-kawża "**Gordi Felice vs Avukat Ġenerali**" fejn ingħad hekk :-*

> *Din il-Qorti tosserva li l-intimat fin-nota ta` sottomissjonijiet tiegħu in Prim' Istanza jgħid li l-ġuri ta` William Agius u kwindi tar-rikorrent għadhom ma ġewx appuntati għaliex ż-żewġ akkużati intavolaw kawża*

*kostituzzjonali kull wieħed. Madanakollu, filwaqt li l-intimat ma ressaq ebda prova dwar xi proċeduri kostituzzjonali istitwiti minn William Agius jew, jekk fl-affirmattiv, dawn għadhomx pendenti, huwa assurd l-argument li proċess kriminali qiegħed jiġi differit indefinittivament minħabba l-pendenza ta` kawża kostituzzjonali li tittratta appuntu l-kwistjoni ta` dewmien eċċessiv mhux raġjonevoli fid-determinazzjoni tal-istess proċess kriminali. F`kull każ, din il-Qorti tqis li dan l-argument ma jiswiex bħala ġustifikazzjoni għal dewmien komplessiv ta` kważi tlettax-il sena fis-smigħ ta` proċess kriminali li mhux talli sal-lum għadu pendenti, talli hemm ammissjoni inekwivoka tal-intimat li l-istess proċess ser jibqa` "fuq l-ixkaffa" sakemm jintemmu proċeduri kriminali kontra terza persuna. Dan kollu jsarraf f`karenza manifesta ta` ċertezza dwar meta sejra tiġi appuntata u mismugħa, aħseb u ara deċiża, il-kawża kriminali. Ma` dan għandha tiżdied il-konsiderazzjoni li sal-lum lanqas hemm ħjiel dwar id-data meta ser tiġi appuntata għas-smigħ il-kawża kontra l-imsemmi William Agius.*

*45. Ferm il-premess, u fid-dawl tan-nuqqas tal-intimat illi jipproduċi provi sabiex jiġġustifika d-dewmien fil-proċeduri penali kontra r-rikorrent, il-Qorti ssib illi r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta, kważi tlettax-il sena wara li tressaq quddiem il-qorti mixli b`reati taħt tal-Kapitolu 31, għadu qed jistenna li l-każ tiegħu jiġi appuntat quddiem il-Qorti Kriminali. Dan id-dewmien ma jistax ma jiġix meqjus bħala esaġerat, mhux raġjonevoli u li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f`soċjeta` demokratika, u bħala tali jikser id-dritt fondamentali tar-rikorrent li jistenna li l-proċeduri kriminali kontra tiegħu jiġu determinati fi żmien raġjonevoli.*

*46. F`ħajja ta` bniedem tlettax-il sena huma żmien twil u, f`dan il-każ tar-rikorrent, dan isarraf fi 13-il sena ta` inċertezza fl-aħjar snin taż-żgħożija fejn wieħed huwa mistenni jkollu l-aħjar opportunitajiet jibni l-pedamenti tal-ħajja familjari u lavorattiva tiegħu. Fil-każ tar-rikorrent iżda, dawn is-snin kollha għaddiehom tiela` u nieżel il-Qorti għas-seduti, kif ukoll jinkwieta dwar il-futur tiegħu għaliex għadu ma jafx x`ser isir minnu meta finalment jinqata` l-każ tiegħu wara dan iż-żmien kollu.*

*47. Jiġi ribadit illi din il-leżjoni hija in parti dovuta wkoll għall-għażla ossia aġir tal-intimat li, meta ddeċieda li l-kawża kontra r-rikorrent ma tiġix appuntata u ma tiġix determinata qabel l-ewwel tiġi appuntata u determinata l-kawża kontra William Agius, tawwal ulterjorment il-proċeduri kontra r-rikorrent li kienu diġa` ilhom pendenti diversi snin quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti tapprezza li din id-deċiżjoni tal-intimat, oltre li fiha nnifisa hija legali u ma timpinġix fuq il-garanziji tad-dritt għal smigħ xieraq, ittieħdet għall-aħjar tmexxija tal-prosekuzzjoni u ċertament mhux "bl-intenzjoni li jtawwal il-proċeduri ... inutilment" kif jallega r-rikorrent. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi aġir li jirrispetta l-garanziji ta` smigħ xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 Konvenzjoni ma jibqax konformi mad-dettami ta` smigħ xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal għal dewmien mhux raġjonevoli fid-*

*determinazzjoni tal-proċess ġudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkużat*

35. Il-Qorti, f'dana l-istadju, tagħmel referenza wkoll għall-ħsibijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawża u fuq dana il-punt, fejn kellha dan xi tgħid dwar d-dewmien tal-proċeduri:

*Illi l-prosekuzzjoni li f'kumpilazzjoni trid tressaq il-provi. Il-Qorti fehmet li l-każ ta' Sammut ilu pendenti daqskemm ilu pendenti dak tar-rikorrenti, u fir-rigward ta' dak il-każ ma tressqux provi dwar il-mod kif inġabru l-provi matul is-snin. Hu l-appellant li għandu l-oneru li bi provi jikkonvinċi lill-Qorti li għamel dak li jista' biex il-proċeduri kriminali ma jitwalux bla bżonn. F'kull każ lanqas m'għandu jkun li persuna tiġi akkużata fil-Qorti u tispiċċa tagħmel snin twal bi proċeduri kriminali kontriha, tiela' u nieżla għas-seduti mingħajr ma jkollha l-ebda ħjiel meta xi darba ser jispiċċaw u jkollha ċertezza. Is-sitwazzjoni f'każijiet ta' kumpilazzjoni hi tali li l-imputat ħafna drabi jispiċċa at the mercy tal-Avukat Ġenerali, għaliex hu jiddeċiedi meta m'għandux jibqa' jirrinvija l-atti lill-Qorti għall-ġbir ta' iktar provi. Rinviji li kontinwament ikun ukoll fihom talba biex jerġgħu jinstemgħu provi li jkunu diġa` instemgħu. Sfortunatament il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja m'għandhiex l-awtorita` u l-mezzi sabiex twaqqaf dak is-system of conduct min-naħa tal-Avukat Ġenerali. Kondotta li qiegħda kemm-il darba twassal għal dewmien bla bżonn ta' proċeduri kriminali.*

*21. F'paragrafu 34 tar-rikors tal-appell l-appellant għamel referenza għall-każ Boddaert v. Belgium tat-12 ta' Ottubru 1992 li dwaru qal:-*

> *"ġie deċiż li l-Istat Belġjan ma jistax jinstab li kiser il-jedd ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli għaliex il-prosekuzzjoni ma setgħetx tagħlaq il-każ kontra Boddaert qabel jingħalaq il-każ kriminali li kien hemm pendenti kontra ħaddieħor li ried jiġi prodott bħala xhud kontra tiegħu".*

*22. Fis-sentenza l-QEDB qalet li l-perjodu rilevanti kien bejn id-19 ta' Lulju 1980, meta inħareġ mandat għall-arrest ta' Boddaert, u t-22 ta' Ottubru 1986, meta l-Qorti tal-Kassazzjoni tat is-sentenza. Perjodu li matulu kien hemm 39 xahar (2 ta' Ġunju 1982 u l-10 ta' Mejju 1985) li fihom l-attur ma kienx akkużat f'Qorti u dwar liema perjodu ilmenta li l-investigazzjoni li kien qiegħed imexxi l-Imħallef tal-investigazzjoni ma kien qiegħed isir xejn fiha.*

*23. Fil-każ in eżami ċ-ċirkostanzi huma ferm differenti għaliex l-atturi tressqu l-Qorti fil-21 ta' Frar 2013 u seba' snin wara l-Prosekuzzjoni għadha m'għalqitx il-provi u preżentement ħadd m'għandu ħjiel meta dan il-każ ser ikun jista' jitkompla jekk is-sitwazzjoni tibqa' dik li hi llum. Hu fatt li jeżisti l-prinċipju tal-'proper administration of justice' iżda f'dan il-każ mhuwiex jintlaħaq bilanċ mal-jedd tal-appellati li l-kawża tagħhom tkompli tieħu l-kors tagħha mingħajr iktar telf ta' żmien, bl-inċertezza kollha li din is-sitwazzjoni qiegħda ġġib fuq l-imputati. Il-provi jitressqu mill-Prosekuzzjoni. Ir-rikorrenti m'għandhom l-ebda kontroll dwar dak li qiegħed jiġri f'dan l-istadju tal-proċeduri meta jsiru rinviji ripetutament. Inoltre, l-appellant ma ressaq l-ebda*

*provi li jista' jiġġustifika d-dewmien li qiegħed ukoll jiġi reġistrat fil-każ ta' Sammut.*

*24. Hu faċli għall-Prosekuzzjoni li targumenta li peress li Frank Sammut hu xhud essenzjali għall-każ tagħha, din il-kawża għandha tibqa' sospiża sakemm Sammut ikun f'posizzjoni li jixhed. Pero` meta mhux magħruf. Dawn huma affarijiet li l-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali kellhom iqisu matul dawn is-seba' snin li ilu pendenti dan il-każ u kellhom jipproċedu b'iktar diliġenza ....*

*25. Perjodu ta' seba' (7) snin huma ħafna f'ħajja ta' bniedem, li matulhom l-akkużat irid u ma jridx isib ruħu fi stat ta' inċertezza. Perjodu li matulu r-rikorrenti kellhom u għadhom bil-ġid tagħhom 'iffriżati' skond l-Att Kontra l-Money Laundering (Kap. 373). Wieħed bizzejjed jara l-atti biex jinduna kif għal kull pass, ir-rikorrenti jridu jitolbu l-awtorizazzjoni tal-Qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għal per eżempju rikors li ppreżenta Francis Portelli fit-12 ta' Diċembru 2014 kif ukoll rikors li ppreżenta Anthony Cassar fid-9 ta' Ottubru 2017. F'dak ir-rikors, Cassar kellu jitlob l-awtoriżazzjoni tal-Qorti sabiex kumpannija tal-insurance tħallas żewġ claims relatati ma' polza tas-saħħa. Dawk l-atti fihom infushom huma prova ta' dak li jkollhom jgħaddu minnu r-rikorrenti diment li jibqgħu pendenti l-proċeduri kriminali.*

*26. Dan ir-raġunament japplika iktar u iktar fejn l-akkużati, kif inhu l-każ in eżami, ikunu persuni avvanzati fl-eta`. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti jissemma kif s'issa kien hemm tnejn u ħamsin (52) seduta u li fihom fi tletin (30) seduta minnhom ma sar xejn. Numri li flimkien mas-seba' snin li l-każ ilu pendenti, huma l-aqwa ċertifikat kontra r-raġunament tal-Avukat Ġenerali. M'hemmx dubju li hu fl-interess pubbliku li min hu ħati ta' reat iwieġeb għalih. Pero` seba' snin u għadhom lanqas bdew jinstemgħu l-provi tad-difiża u m'hemm l-ebda indikazzjoni meta l-proċeduri ser jiġu fit-tmiem tagħhom, hu perjodu inaċċettabbli.*

## Ikkunsidrat

36. Jirriżulta ben ċar, mill-assjem tal-provi, illi filwaqt li l-kawża kriminali kontra Charles Paul Muscat hija waħda serja ħafna u tirrigwarda akkużi li, minn natura tagħhom, jistgħu jkollhom implikazzjoni serji ħafna, b'piena possibli ta' għomru l-ħabs in vista tal-fatt illi, kif irrilevat il-Qorti Kriminali fid-digriet tagħha tal-1 ta' Frar 2016, "*l-ammont tad-droga involuta f'dan il-każ hu ta' 981.05 grammi resina tal-cannabis b'purita' ta' 8.8%*" (fol 323), dana ma jfissirx illi persuna għandha tiġi żvestita mid-dritt illi tingħata smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli.

37. Hawnhekk, il-Qorti ser tagħmel tagħha r-raġunament magħmul mill-Prim' Awla fil-kawża fuq imsemmija fejn, dwar id-dewmien, għamlet tali konklużjonijiet:

*Il-prinċipju għandu jkun li 'the rule of law' tgħodd għal kulħadd l-istess.*

*Daqstant ieħor huwa basilari l-prinċipju li l-proċess ġudizzjarju, speċjalment dak penali, fejn favur l-akkużat treġi l-presunzjoni tal-innoċenza, għandu jitmexxa dejjem skont il-liġi, iżda bil-ħeffa li tkun dettata mill-fattispeċi ta` kull każ.*

*Meta mbagħad ikollok każi, bħal dak li penalment jinvolvi lir-rikorrenti, fejn l-effett fuq il-persuni akkużati jkun, minn żmien għal żmien, taħt il-lenti tal-opinjoni pubblika, u f`soċjeta` demokratika, bħal ma hija tagħna, l-opinjoni pubblika għandha vuċi qawwija, hemm il-proċess ġudizzjarju għandu jilħaq il-milja tiegħu.*

*Din il-Qorti tisħaq illi fil-każ tal-lum seħħ dewmien inġustifikat mhux raġjonevoli da parti tal-intimat, sal-punt li kien hemm leżjoni tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, liema dewmien m`għandux ikun addebitat lir-rikorrenti/akkużati jew lill-Qorti.*

38. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, mill-11 ta' Ottubru 2012, fuq medda ta' sitta u għoxrin seduta illi saru fuq perjodu ta' ftit aktar minn tlett snin, sa meta inħarġu l-Att tal-Akkuża fil-konfront ta' Mifsud, fit-13 ta' Novembru 2015, f'aktar minn nofs tali seduti, **ma sar assolutament xejn**.

39. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ulterjorment illi, anke wara illi nħarġet l-Att ta' Akkuża, l-Avukat Ġenerali ma ppermettiex lill-Qorti illi tipproċedi bil-kawża bi speditezza, kif huwa opportun f'każijiet ta' tali portata, iżda rabtet idejn il-Qorti Kriminali fejn talbet, permezz ta' rikors ppreżentat fis-7 ta' Marzu 2017, li x-xhieda ta' Brian Godfrey Bartolo u Marlon Apap tkun tista' tingħata hekk kif il-proċeduri fil-konfront tagħhom jingħalaq, u għalhekk il-proċeduri odjerni kellhom jiġu differiti sine die.

40. Rat illi, fit-8 ta' Marzu 2017, il-Qorti Kriminali ordnat illi "*tiddifferixxi l-ġuri sine die riappuntabbli anke fuq talba verbali tal-Prosekuzzjoni.*" (fol 372)

41. Rat ukoll illi, l-proċeduri fil-konfront ta' Brian Godfrey Bartolo ġew magħluqa b'mod finali fit-22 ta' Frar 2021 filwaqt illi dawk ta' Marlon Apap ġew magħluqa b'mod finali fis-27 ta' Frar 2023.

42. Rat illi, madanakollu, sa llum, aktar minn tlett snin wara illi ngħalqu l-proċeduri kontra Brian Godfrey Bartolo, u aktar minn sena wara illi ngħalqu l-proċeduri fil-konfront ta' Marlon Apap, il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent għadhom ma nbdewx!

43. Tosserva illi ma ngħatat ebda raġuni plawsibbli u konkreta 'l għaliex il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti sa issa ma nbdewx, wara illi l-proċeduri kontra ż-żewġ xhieda prinċipali tal-prosekuzzjoni, Brian Godfrey Bartolo u Marlon Apap, kienu ngħalqu definittivament u għalhekk tali xhieda setgħu issa jiġu prodotti bħala xhieda tal-prosekuzzjoni.

44. Tosserva illi tali nuqqas huwa imputabbli esklussivament lill-Avukat Ġenerali, illi qiegħda tippersisti illi tirrifjuta li tibda l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, minkejja illi l-Qorti Kriminali kienet saħansitra awtorizzatha sabiex tkun tista' titlob ir-riappuntament tal-kawża, anke b'mod verbali.

45. Mill-provi prodotti sa llum, la bl-iskritt u b'wisq anqas mod verbal, ma l-Avukat Ġenerali talbet illi l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent ma nbdewx, u għalhekk tali aġir huwa ċar illi qiegħed jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Charles Paul

Muscat illi, anke in vista tal-konsegwenzi mediċi illi kellhom fuqu l-proċeduri odjerni, għandu dritt illi l-proċeduri fil-konfront tiegħu jiġu deċiżi fi żmien raġjonevoli.

46. Għalhekk, jirriżulta ċar illi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' Charles Paul Muscat qiegħed jiġi leż bl-aġir tal-Avukat Ġenerali illi ma jitlobx ir-riappuntament tal-ġuri illi ġie mibgħut sine die fuq taba tal-Avukat Ġenerali stess.

**Rimedju**

47. Il-Qorti tosserva illi fil-każ fuq imsemmi ta' Francis Portelli, il-Prim' Awla għaddiet biex tat rimedju illi ġie sekondat u aċċetat mill-Qorti Kostituzzjonali, u dana kien li ġej:

> *Il-Qorti tqis illi, tenut kont tal-mod kif svolġew il-fatti, ir-rimedju l-aktar indikat huwa li tipprefiġġi terminu sabiex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi kollha li fadal fil-proċediment kriminali pendenti kontra r-rikorrenti, u l-intimat jirrinvija għall-ġudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Rimedju ta` din ix-xorta jassikura l-bilanċ ta` drittijiet u obbligi fil-proċess kriminali, b`mod u manjiera li fil-konkret id-dewmien ma jkomplix jikkaġuna leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif imħares bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.*

48. Din il-Qorti, fil-każ minnha stess deċiż ta' Tarcisio Mifsud, u kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali, tat rimedju simili.

49. Din il-Qorti, madanakollu tosserva illi, fil-każ odjern, il-fattispeċje tal-każ huma ftit differenti, stante illi l-każ ossija Att ta' Akkuża 17/2015 jinsab differit sine die, u sa llum għadu ma ġiex riappuntat għas-smigħ u deċiżjoni.

50. Għalhekk, il-Qorti jidhrilha illi, fl-aħjar interess tal-ġustizzja, filwaqt illi ma għandhiex tipprekludi lill-Avukat Ġenerali milli jerġa' jitlob sabiex l-Att ta' Akkuża 17/201 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat jerġa' jitqiegħed fuq il-lista tal-kawża sabiex jinstema' u jiġi deċiż finalment, tqis, madanakollu, illi jekk l-Avukat Ġenerali ma jagħmilx tali talba in skritt fi żmien li ser jiġi stipulat minn dina l-Qorti, sabiex il-kawża terġa' titqiegħed fuq il-lista tal-kawżi għas-smigħ u tiġi ffissata data għas-smigħ, l-aħjar rimedju sabiex il-vjolazzjoni tas-smigħ xieraq tar-rikorrent jiġi sanata darba ghal dejjem tkun illi jiġi dikjarat li, wara tali trapass taż-żmien, il-Qorti Kriminali għandha tqis illi l-Avukat Ġenerali qiegħed jirtira l-akkużi miġjuba fil-konfront tar-rikorrent u li għalhekk il-proċeduri tal-Att tal-Akkuża 17/2017 għandhom jiġi kanċellati minn fuq il-lista mill-Qorti Kriminali.

51. Din il-Qorti tqis illi tali perjodu għandu jkun ta' **<u>tlett xhur mid-data ta' dina s-sentenza</u>**.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti miġjuba quddiemha;

Wara illi rat il-provi prodotti u rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikkjara** illi t-trapass taż-żmien li l-intimati qegħdin jieħdu sabiex jagħlqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Charles Paul Muscat', u ċioe` trapass ta' erbatax (14)-il sena, huwa wieħed li qiegħed imur kontra l-prinċipju ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli san it fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

**Tordna** lill-Avukat Ġenerali sabiex, **sa żmien tlett xhur mill-lum**, titlob bil-miktub lill-Qorti Kriminali, sabiex l-Att tal-Akkuża 17/2015 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Charles Paul Muscat** terġa' tiġi riappuntata biex tinstema' u tiġi deċiża skond il-Liġi, fin-nuqqas ta' liema rikjesta, il-Qorti Kriminali għandha tqis illi tali nuqqas huwa ekwivalenti għall-irtirar tal-Att tal-Akkuża 17/2015 fil-konfront tar-rikorrent Charles Paul Muscat, bil-konsegwenzi legali kollha illi tali nuqqas jikkomporta.

**Tordna** illi kopja ta' tali sentenza tiġi komunikata lill-Qorti Kriminali u tiġi inserita fl-atti ta l-Att tal-Akkuża 17/2015 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Charles Paul Muscat.**

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni, inklużi dawk tal-Avukat tal-Istat, għandhom jkunu esklussivament a kariku tal-Avukat Ġenerali.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur